



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 18 ta' Novembru 2008
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2007/0163 (COD)**

**11263/4/08
REV 4**

**EDUC 173
MED 39
SOC 385
PECOS 16
CODEC 895**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni Komuni bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Tfassil mill-ġdid)

**REGOLAMENT (KE) NRU .../2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U
TAL-KUNSILL**

ta'...

li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ

(Tfassil mill-ġdid)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 150 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat²,

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta'... (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ...

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' fi Strasburgu fit-8 u d-9 ta' Diċembru 1989, talab lill-Kunsill sabiex fil-bidu ta' l-1990, jaddotta id-deċiżjonijiet neċessarji għall-istabbiliment ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għall-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, billi jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan, fis-7 ta' Mejju 1990, il-Kunsill addotta il-Regolament (KEE) Nru 1360/90.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ¹ ġie emendat sostanzjalment kemm-il darba. Ladarba għandhom isiru aktar emendi, għandu jiġi mfassal mill-ġdid fl-interessi taċ-ċarezza.
- (3) Fit-18 ta' Diċembru 1989 il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 3906/89 dwar għajjnuna ekonomika lir-Repubblika ta' l-Ungerija u lir-Repubblika tal-Poplu Pollakk² li pprovda għal għajjnuna f'oqsma li jinkludu t-taħriġ sabiex jissaħħa l-proċess ta' riforma ekonomika u soċjali fl-Ungerija u l-Polonja.

¹ ĠU L 31, 23.5.1990, p. 1.

² ĠU L 375, 23.12.1989, p. 11.

- (4) Il-Kunsill sussegwentement estenda din l-għajnuna lil pajjiżi oħra fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant taħt atti legali rilevanti.
- (5) Fis-27 ta' Lulju 1994, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2063/94¹ li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1360/90 bil-għan li jinkludi fl-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ l-Istati li jirċievu assistenza taħt ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2053/93 tad-19 ta' Lulju 1993 dwar l-għoti ta' assistenza teknika għar-riforma u r-risanament ta' l-ekonomiji ta' l-Istati indipendenti ta' l-ex Unjoni Sovjetika u tal-Mongolja² (il-Programm TACIS).
- (6) Fis-17 ta' Lulju 1998, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1572/98³ li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1360/90 bil- ħsieb li jinkludi fl-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ il-pajjiżi u t-territorji Mediterranji extra-Komunitarji li huma benefiċjarji tal-miżuri finanzjarji u tekniċi sabiex dawn jakkumpanjaw ir-riforma ta' l- ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali tagħhom skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1488/96 tat-23 ta' Lulju 1996 dwar il-miżuri finanzjarji u tekniċi sabiex dawn jakkumpanjaw (MEDA) ir-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranja⁴.

¹ ĠU L 216, 20.08.1994, p. 9.

² ĠU L 187, 29.7.1993, p. 1.

³ ĠU L 206, 23.07.1998, p. 1.

⁴ ĠU L 189, 30.7.1996, p. 1. Regolament imħassar mir-Regolament (KE) Nru 1638/2006.

- (7) Fil-5 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2666/2000 dwar l-assistenza għall-Albanija, għall-Bożnja u Herzegovina, għall-Kroazja, għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja¹ li emenda r-Regolament (KEE) Nru 1360/90 bil-għan li jinkludi fl-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ l-Istati Balkani tal-Punent koperti mir-Regolament (KE) Nru 2666/2000.
- (8) Il-programmi ta' assistenza esterna relatati mal-pajjiżi koperti mill-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandhom jiġu sostitwiti mill-istrumenti l-ġodda tal-politika tar-relazzjonijiet esterni, primarjament l-istrument stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)² u l-istrument stabbilit mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1638/2006 tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Shubija³.
- (9) Permezz ta' l-appoġġ ta' l-iżvilupp tal-kapital uman fil-kuntest tal-politika tar-relazzjonijiet esterni, l-Unjoni Ewropea tagħti kontribut għall-iżvilupp f'dawn il-pajjiżi billi ttipprovdi l-ħiliet meħtieġa għat-tkattir tal-produttività u l-impjiegi u tappoġġa l-koeżjoni soċjali billi ttipromwovi l-parteċipazzjoni ċivika.
- (10) Fil-kuntest ta' l-isforzi ta' dawn il-pajjiżi sabiex jirriformaw l-istrutturi ekonomiċi u soċjali tagħhom, l-iżvilupp tal-kapital uman huwa essenzjali għall-kisba ta' stabbiltà u prosperità għall-perijodu fit-tul u b'mod partikolari għall-kisba ta' ekwilibriju soċjoekonomiku.

¹ ĠU L 306, 07.12.2000, p. 1.

² ĠU L 210, 31.7.2006.

³ ĠU L 310, 9.11.2006.

- (11) Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ tista' tagħti kontribut importanti fil-kuntest tal-politika tar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE, lejn żvilupp aħjar tal-kapital uman, partikolarment l-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva ta' tagħlim matul il-ħajja.
- (12) Sabiex tagħti l-kontribut tagħha, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ikollha tirrikorri għall-esperjenza li akkwistat fl-UE fir-rigward ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja u għal dawk l-istituzzjonijiet tagħha li huma nvoluti f'din l-attività.
- (13) Fil-Komunità u f'pajjiżi terzi, inklużi l-pajjiżi koperti mill-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, jeżistu faċilitajiet reġjonali u/jew nazzjonali, pubbliċi u/jew privati li jistgħu jintalbu jikkollaboraw fl-ġħoti effettivi ta' għajnuna fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapital uman, partikolarment l-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja.
- (14) L-istat u l-istruttura tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandha tiffaċilita rispons flessibbli għar-rekwiżiti speċifiċi u varjati tal-pajjiżi individwali li għandhom ikunu assistiti, u jippermettulha li taqdi l-funzjonijiet tagħha f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-entitajiet nazzjonali u internazzjonali eżistenti.
- (15) Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandha jkollha personalità ġuridika, u fl-istess waqt iżomm fil-kompożizzjoni tagħha relazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u tirrispetta r-responsabbilitajiet politiċi u operattivi ġenerali tal-Komunità u ta' l-istituzzjonijiet tagħha.

- (16) Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandha jkollha rabtiet mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), ma' l-Iskema ta' Mobbiltà Trans-Ewropea għall-Istudji Universitarji (Tempus) u kwalunkwe skema oħra stabbilita mill-Kunsill sabiex tipprovdi għajjnuna fil-qasam tat-taħriġ lill-pajjiżi koperti mill-attivitajiet tagħha .
- (17) Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li ma humiex Stati Membri tal-Komunità u li jħaddnu l-impenn tal-Komunità u ta' l-Istati Membri għall-ġħoti ta' għajjnuna lill- pajjiżi koperti mill-attivitjiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapital uman, partikolarment l-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja, taħt arranġamenti li għandhom isiru fi ftehim bejn il-Komunità u dawn l-istess pajjiżi.
- (18) L-Istati Membri kollha, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni għandhom jiġu rrappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija sabiex jissorveljaw effettivament il-funzjonijiet tal-Fondazzjoni.
- (19) Sabiex ikunu garantiti l-awtonomija u l-indipendenza sħiħa tal-Fondazzjoni, din għandha tingħata baġit awtonomu li d-dħul tiegħu jiġi primarjament minn kontribuzzjoni Komunitarja. Il-proċedura Komunitarja tal-baġit għandha tkun applikabbli safejn għandhom x'jaqsmu l-kontribuzzjoni Komunitarja u kull sussidju ieħor li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-verifika tal-kontijiet għandha ssir mill-Qorti ta' l-Awdituri.
- (20) Il-Fondazzjoni hija entità mwaqqfa mill-Komunitajiet skond it-tifsira ta' l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju") u għandha tadotta r-regoli finanzjarji tagħha kif meħtieġ.

¹ ĠU L 248, 16.09.2002, p. 1.

- (21) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/20021 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju Qafas") għandu japplika għall-Fondazzjoni.
- (22) Għall-għieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)², għandhom japplikaw mingħajr restrizzjoni għall-Fondazzjoni.
- (23) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni³ għandhom japplikaw għall-Fondazzjoni.
- (24) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data⁴ għandu japplika għall-ipproċessar tad-data mill-Fondazzjoni.
- (25) Skond id-Deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 1993, meħuda bi ftehim komuni bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-livelli ta' Kap ta' Stat u ta' Gvern, dwar il-post tas-sede ta' ċerti korpi u dipartimenti tal-Komunitajiet Ewropej u ta' l-Europol⁵, il-Fondazzjoni għandha s-seded tagħha f'Turin ġewwa l-Italja.

¹ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

² ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1

³ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43

⁴ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1

⁵ ĠU L 323, 30.11.1993, p. 1.

- (26) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l- assistenza lil pajjiżi terzi fil-qasam ta' l- iżvilupp tal-kapital uman, ma jistax jinkiseb suffiċjement mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il- prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (27) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 43 tagħha,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan u kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fondazzjoni") hija b'dan stabbilita. L-għan tal-Fondazzjoni għandu jkun li tikkontribwixxi, fil-kuntest tal-politika tar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE, sabiex ittejjeb l-iżvilupp tal-kapital uman, fil-pajjiżi li ġejjin:
 - (a) il-pajjiżi eliġibbli għall-appoġġ taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 u taħt atti ġuridiċi relatati sussegwenti;

- (b) il-pajjiżi eliġibbli għall-appoġġ taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1638/2006 u taħt atti ġuridiċi relatati sussegwenti;
- (c) pajjiżi oħra nominati mid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta appoġġata minn żewġ terzi tal-membri tiegħu u opinjoni tal-Kummissjoni, u koperti minn strument Komunitarju jew ftehim internazzjonali li jinkludi element ta' żvilupp tal-kapital uman, u safejn jippermettu r-riżorsi disponibbli.

Il-pajjiżi msemmija fil-punti (a), (b) u (c) huma b'dan nominati bħala “pajjiżi msieħba”.

- 2. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, "l-iżvilupp tal-kapital uman" għandu jkun definit bħala "ħidma li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tul il-ħajja tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-individwu permezz tat-titjib tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali."
- 3. Sabiex jinkiseb l-għan tagħha, il-Fondazzjoni tista' tipprovdi assistenza lill-pajjiżi msieħba
 - (a) fir-rigward ta': il-faċilitazzjoni ta' l-adattament għat-tibdil industrijali, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ vokazzjonali mill-ġdid;
 - (b) it-titjib tat-taħriġ vokazzjonali inizjali u dak kontinwu sabiex ikunu faċilitati l-integrazzjoni u r-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol;
 - (c) il-faċilitazzjoni ta' l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u l-inkoraġġiment tal-mobbiltà ta' dawk li jħarrġu u ta' dawk imħarrġa u b'mod partikolari taż-żgħażaġh;
 - (d) l-istimolu tal-koperazzjoni fir-rigward tat-taħriġ bejn l-istabbilimenti edukattivi u l-intrapriżi;

- (e) l-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni u esperjenza dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi tat-taħriġ ta' l-Istati Membri;
- (f) iż-żieda fl-adattabbiltà tal-ħaddiema, b'mod partikolari permezz ta' parteċipazzjoni akbar fl-edukazzjoni u fit-taħriġ f'perspettiva ta' taħlim tul il-ħajja;
- (g) it-tfassil, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-iżvilupp ta' l-impjegabbiltà u tar-rilevanza għas-suq tax-xogħol.

Artikolu 2

Funzjonijiet

Bil-għan li jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1(1), il-Fondazzjoni, fil-limiti tas-setgħat mogħtija lill-Bord tat-Tmexxija, u filwaqt li ssegwi l-linji gwida ġenerali stabbiliti fil-livell Komunitarju, għandha jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-għoti ta' informazzjoni, ta' analiżi tal-politika u ta' pariri dwar kwistjonijiet ta' żvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi msieħba;
- (b) il-promozzjoni tal-konoxxenza u l-analiżi tal-ħtiġijiet ta' kompetenzi fis-swieq tax-xogħol nazzjonali u lokali;
- (c) appoġġ lill-partijiet interessati rilevanti fil-pajjiżi msieħba fil-bini tal-kapaċità fl-iżvilupp tal-kapital uman;

- (d) faċilitazzjoni ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-esperjenza fost id-donaturi involuti fir-riforma ta' l-iżvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi msieħba ;
- (e) appoġġ fit-twassil ta' l-assistenza Komunitarja lil pajjiżi msieħba fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapital uman;
- (f) disseminazzjoni ta' informazzjoni u tħeġġiġ tan-netwerking u tal-iskambji ta' esperjenza u prassi tajba bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba u fost il-pajjiżi msieħba dwar kwistjonijiet ta' l-iżvilupp tal-kapital uman;
- (g) kontribut, fuq talba tal-Kummissjoni, lejn l-analiżi ta' l-effikaċja globali ta' l-assistenza ftahriġ lill-pajjiżi msieħba;
- (h) it-twettiq ta' kompiti oħra skond kif jiġi miftiehem bejn il-Bord tat-Tmexxija u l-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas ġenerali ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Fondazzjoni għandha jkollha personalità ġuridika u għandha tgawdi f'kull wieħed mill-Istati Membri l-kapaċità ġuridika l-aktar estensiva li tista' tingħata lill-persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet tagħha. Il-Fondazzjoni tista', b'mod partikolari, takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tista' tkun parti fi proċedimenti legali. Il-Fondazzjoni ma għandhiex taħdem għall-profitt.
2. Il-Fondazzjoni għandha jkollha s-sede tagħha f'Turin, l-Italja.

3. Il-Fondazzjoni għandha tikkopera mal-korpi l-oħra rilevanti tal-Komunità bl-appoġġ tal-Kummissjoni. Il-Fondazzjoni għandha tikkopera, b'mod partikolari, maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) fil-qafas ta' programm ta' ħidma annwali konġunt anness mal-programm ta' ħidma annwali ta' kull waħda miż-żewġ aġenziji bil-għan li tkun promossa s-sinerġija u l-komplementarjetà bejn l-attivitajiet tagħhom.
4. Ir-rappreżentanti ta' l-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew li huma diġà attivi fil-ħidma ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tat-taħriġ, jistgħu, fejn ikun il-każ, jiġu mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-ħidma tal-Fondazzjoni.
5. Il-Fondazzjoni għandha tkun suġġetta għall-kontroll amministrattiv ta' l-Ombudsman Ewropew, skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 195 tat-Trattat.
6. Il-Fondazzjoni tista' tistabbilixxi strumenti ta' ftehim ta' koperazzjoni ma' entitajiet rilevanti oħra attivi fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapital_uman fl-UE u madwar d-dinja. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dawn l-istrumenti ta' ftehim fuq il-bażi ta' abbozz preżentat mid-Direttur wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha. L-arranġamenti ta' ħidma inklużi fihom għandhom ikunu konformi mal-liġi Komunitarja.

Artikolu 4

Trasparenza

1. Il-Fondazzjoni għandha taġixxi b'livell għoli ta' trasparenza u tikkonforma, b' mod partikolari, ma l-paragrafi 2 sa 4.

2. Il-Fondazzjoni għandha tippubblika fi żmien sitt xhur mill-istabbiliment tal-Bord tat-Tmexxija tagħha:
 - (a) ir-regoli ta' proċedura tal-Fondazzjoni u dawk tal-Bord tat-Tmexxija;
 - (b) ir-rapport annwali ta' l-attività tal-Fondazzjoni.
3. Fejn ikun il-każ, il-Bord tat-Tmexxija jista' jawtorizza rappreżentanti tal-partijiet interessati sabiex jattendu laqgħat ta' l-entitajiet tal-Fondazzjoni fil-kapaċità ta' osservaturi.
4. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-Fondazzjoni.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 5

Kunfidenzjalità

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(4), il-Fondazzjoni ma għandhiex tiżvela lil partijiet terzi informazzjoni koperta mis-sigriet professjonali li tkun irċeviet, li għaliha jkun intalab u ġie ġġustifikat trattament kunfidenzjali.
2. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur għandhom ikunu suġġetti għall-obbligu tas-sigriet professjonali msemmi fl-Artikolu 287 tat-Trattat.
3. L-informazzjoni miġbura mill-Fondazzjoni skond l-att bażilari tagħha għandha tkun suġġetta għar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 6

Rimedji

Id-Deċiżjonijiet meħuda mill-Fondazzjoni skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' ilment lill-Ombudsman jew ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 195 u 230 tat-Trattat rispettivament.

Artikolu 7

Il-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Fondazzjoni għandha jkollha Bord tat-Tmexxija li jkun jikkonsisti minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni, kif ukoll tliet esperti li ma jivvutawx maħtura mill-Parlament Ewropew.

Addizzjonalment, tliet rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi.

Ir-rappreżentanti jistgħu jiġu sostitwiti minn supplenti, maħtura fl-istess waqt.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom kull wieħed jaħtru r-rappreżentant tagħhom u s-supplenti tagħhom għall-Bord tat-Tmexxija.

Ir-rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati proposti minn dawk il-pajjiżi abbażi ta' l-esperjenza u l-konoxxenza esperta tagħhom fl-oqsma ta' ħidma tal-Fondazzjoni.

L-Istati Membri, *il-Parlament Ewropew* u l-Kummissjoni għandhom jaħdmu sabiex jiksbu rappreżentanza bbilanċjata ta' rġiel u nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija.

3. It-terminu tal-mandat tar-rappreżentanti għandu jkun ta' ħames snin. Għandu jkun jista' jiġġedded darba.
4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiġi presedut minn wieħed mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. It-terminu tal-mandat tal-President għandu jiskadi meta tintemm is-sħubija tiegħu jew tagħha fil-Bord tat-Tmexxija.
5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 8

Regoli ta' votazzjoni u dmirijiet tal-President

1. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fuq il-Bord tat-Tmexxija għandhom ikollhom vot wieħed kull wieħed. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom ikollhom vot wieħed kondiviż bejniethom.

Id-Deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri li jkollhom dritt jivvutaw, ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi, b'deċiżjoni unanima tal-membri tiegħu li jkollhom dritt jivvutaw, ir-regoli li jirregolaw il-lingwi tal-Fondazzjoni, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġu żgurati l-aċċess u l-parteciżazzjoni tal-partijiet kollha interessati fil-ħidma tal-Fondazzjoni.
3. Il-President għandu jlaqqa' lill-Bord tat-Tmexxija mill-inqas darba fis-sena. Aktar laqgħat jistgħu jissejħu fuq talba ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija li jkollhom jivvutaw.

Il-President għandu jkun responsabbli sabiex jinforma lill-Bord tat-Tmexxija b'attivitajiet oħra tal-Komunità rilevanti għax-xogħol tal-Bord u bl-aspettattivi tal-Kummissjoni li jikkonċernaw l-attivitajiet tal-Fondazzjoni fis-sena li tkun gejjja.

Artikolu 9
Setgħat tal-Bord tat-Tmexxija

Il-Kumitat Konġunt għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:

- (a) li jaħtar u, fejn ikun meħtieġ, ineħħi lid-Direttur skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(5);
- (b) li jeżerċita awtortità dixxiplinarja fuq id-Direttur;
- (c) li jadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-Fondazzjoni fuq il-bażi ta' abbozz preżentat mid-Direttur wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha, skond l-Artikolu 12;
- (d) li jfassal stima annwali ta' nefqa u dħul għall-Fondazzjoni u jgħaddiha lill-Kummissjoni;
- (e) li jadotta l-abbozz tal-pjan ta' stabbiliment u l-baġit definittiv tal-Fondazzjoni wara t-tlestija tal-proċedura annwali tal-baġit, skond l-Artikolu 16;
- (f) li jadotta r-rapport annwali tal-Fondazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13 u jibgħatu lill-istituzzjonijiet tal-Kommunita' u lill-Istati Membri;
- (g) li jadotta r-regoli ta' proċedura tal-Fondazzjoni fuq il-bażi ta' abbozz preżentat mid-Direttur wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha;

- (h) li jadotta r-regoli finanzjarji tal-Fondazzjoni fuq il-bażi ta' abbozz preżentat mid-Direttur tal-Fondazzjoni wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha, skond l-Artikolu 19;
- (i) li jadotta l-proċeduri għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, skond l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Direttur

1. Id-Direttur tal-Fondazzjoni għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija *għal perijodu ta' ħames snin minn* lista ta' mill-inqas tliet kandidati ppreżentata mill-Kummissjoni. Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija għandu jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat jew kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu/tagħhom.

Matul l-aħħar disa' xhur ta' dak il-perijodu *ta' ħames snin*, il-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni minn qabel minn esperti esterni, għandha tagħmel evalwazzjoni, b'mod partikolari, ta' dawn li ġejjin:

- il-prestazzjoni tad-Direttur;
- id-dmirijiet u r-rekwiżiti tal-Fondazzjoni fis-snin li jkunu ġejjin.

Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, u filwaqt li jqis ir-rapport ta' evalwazzjoni u f'dawk il-każijiet biss fejn ikun ġustifikabbli mid-dmirijiet u r-rekwiżiti tal-Fondazzjoni, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur darba għal mhux iktar minn tliet snin.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur. Fix-xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu, id-Direttur jista' jiġi mistieden jaġmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat jew kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet li jaġmlulu l-membri tagħhom.

Jekk il-mandat tiegħu ma jiġix estiż, id-Direttur għandu jibqa' fil-kariga sal-ħatra tas-suċċessur tiegħu.

2. Id-Direttur għandu jinħatar abbażi tal-mertu, tal-ħiliet amministrattivi u maniġerjali u tal-konoxxenza esperta u esperjenza fil-qasam tal-ħidma tal-Fondazzjoni.
3. Id-Direttur għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Fondazzjoni.
4. Id-Direttur għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:
 - (a) li jħejji, abbażi tal-linji gwida ġenerali stabbiliti mill-Kummissjoni, l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali, l-abbozz ta' l-istima għall-infiq u d-dħul tal-Fondazzjoni, l-abbozz tar-regoli ta' proċedura tagħha u dawk tal-Bord tat-Tmexxija, l-abbozz tar-regoli finanzjarji tagħha u l-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija, u ta' kwalunkwe grupp ta' ħidma *ad hoc* imlaqqa' mill-Bord tat-Tmexxija;

- (b) li jieħu sehem, mingħajr id-dritt għall-vot, fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija;
- (c) li jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija;
- (d) li jimplimenta l-programm ta' ħidma annwali tal-Fondazzjoni u jirrispondi għar-rikjesti ta' assistenza mill-Kummissjoni;
- (e) li jwettaq id-dmirijiet ta' uffiċjal awtorizzanti, skond l-Artikoli 33 sa 42 tar-Regolament Finanzjarju Qafas;
- (f) li jimplimenta l-baġit tal-Fondazzjoni;
- (g) li jistabbilixxi sistema effikaċi ta' monitoraġġ sabiex ikunu jistgħu jsiru l-evalwazzjonijiet regolari msemmija fl-Artikolu 24 u, fuq din il-bażi, iħejji abbozz ta' rapport t'attivitajiet annwali;
- (h) li jippreżenta r-rapport annwali ta' l-attivitajiet lill-Parlament Ewropew;
- (i) li jieħu ħsieb il-kwistjonijiet kollha marbuta mal-persunal, u partikolarment, jeżerċita s-setgħat previsti fl-Artikolu 21;
- (j) li jiddefinixxi l-istruttura organizzattiva tal-Fondazzjoni u jippreżentaha lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni;
- (k) li jirrappreżenta lill-Fondazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill skond l-Artikolu 18.

5. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-azzjonijiet tiegħu quddiem il-Bord tat-Tmexxija, li jista', fuq proposta mill-Kummissjoni, jneħħi lid-Direttur mill-kariga tiegħu qabel ma jkun skadielu l-mandat.

Artikolu 11

Interess pubbliku u indipendenza

Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur għandhom jaġixxu fl-interess tal-pubbliku u indipendentement minn kwalunkwe influwenza esterna. Għal dan il-għan, għandhom jaġhmlu dikjarazzjoni bil-miktub ta' l-impenn tagħhom u dikjarazzjoni bil-miktub ta' l-interessi tagħhom kull sena.

Artikolu 12

Programm ta' ħidma annwali

1. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun konsistenti ma' l-għan, l-ambitu u l-funzjonijiet tal-Fondazzjoni kif definiti fl-Artikoli 1 u 2.
2. Il-programm tal-ħidma annwali għandu jiġi abbozzat fi ħdan il-qafas ta' programm ta' ħidma pluriennali ta' erba' snin f'kooperazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni u fir-rigward tal-prijoritajiet tar-relazzjonijiet esterni mal-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati u *abbażi ta' l-esperjenza miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ ġewwa l-Komunità*.
3. Il-proġetti u attivitajiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali għandhom ikunu akkumpanjati minn stima tan-nefqa meħtieġa u minn allokkazzjonijiet ta' persunal u ta' riżorsi baġitarji.

4. Id-Direttur għandu jippreżenta l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali lill-Bord tat-Tmexxija wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha dwaru.
5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru tas-sena preċedenti. L-adozzjoni finali tal-programm ta' ħidma annwali għandha ssir fil-bidu tas-sena finanzjarja konċernata.
6. Meta jkun meħtieġ, il-programm ta' ħidma annwali jista' jiġi adattat matul is-sena billi tiġi użata l-istess proċedura sabiex tiġi żgurata effikaċja akbar tal-politika Komunitarja.

Artikolu 13

Rapport ta' attività annwali

1. Id-Direttur għandu jirrapporta lill-Bord tat-Tmexxija dwar il-qadi ta' dmirijietu permezz ta' rapport ta' attività annwali.
2. Ir-rapport ta' attività annwali għandu jkun fih informazzjoni finanzjarja u manġerjali li tindika r-riżultati ta' l-operazzjonijiet b'referenza għall-programm ta' ħidma annwali u l-għanijiet stabbiliti, ir-riskji assoċjati ma' daww l-operazzjonijiet, l-użu li sar mir-riżorsi pprovduti u l-mod kif ħadmet is-sistema interna tal-kontroll.
3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jabbozza analiżi u evalwazzjoni tar-rapport ta' attività annwali tas-sena finanzjarja preċedenti.

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-rapport ta' attività annwali tad-Direttur u jgħaddih flimkien ma' l-analiżi u l-evalwazzjoni tiegħu lill-korpi kompetenti fil-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew mhux iktar tard mill-15 ta' Ġunju tas-sena sussegwenti. Ir-rapport għandu jintbagħat ukoll lill-Istati Membri u, għall-informazzjoni, lill-pajjiżi msieħba.
5. Id-Direttur għandu jippreżenta r-rapport ta' attività annwali tal-Fondazzjoni quddiem il-kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew u l-korpi preparatorji tal-Kunsill.

Artikolu 14

Rabtiet ma' azzjonijiet Komunitarji oħra

Il-Kummissjoni, f'koperazzjoni mal-Bord tat-Tmexxija għandha tiżgura konsistenza u komplementarjetà bejn il-ħidma tal-Fondazzjoni u azzjonijiet oħra fil-livell Komunitarju, kemm ġewwa l-Komunità kif ukoll fl-għoti ta' assistenza lill-pajjiżi msieħba

Artikolu 15

Baġit

1. Għandha tiġi mħejjija stima tad-dħul u l-infiq kollu tal-Fondazzjoni għal kull sena finanzjarja u għandha tiġi murija fil-baġit tal-Fondazzjoni, li għandu jinkludi pjan ta' stabbiliment. Is-sena finanzjarja għandha tikkorrispondi għas-sena kalendarja.

2. Id-dħul u l-infiq murija fil-baġit tal-Fondazzjoni għandhom ikunu f'bilanċ.
3. Id-dħul tal-Fondazzjoni għandu jinkludi, mingħajr preġudizzju għal tipi oħra ta' dħul, sussidju mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, pagamenti magħmula bħala remunerazzjoni għal servizzi mwettqa kif ukoll finanzjament minn sorsi oħra.
4. Il-baġit għandu jinkludi wkoll dettalji ta' kwalunkwe tip ta' fondi li jkunu saru disponibbli mill-pajjiżi msieħba stess għal proġetti li jgawdu minn assistenza finanzjarja mill-Fondazzjoni.

Artikolu 16

Proċedura baġitarja

1. Kull sena, il-Bord tat-Tmexxija, abbażi ta' l-abbozz imħejji mid-Direttur, għandu jipproduċi stima tad-dħul u ta' nfiq tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja sussegwenti. Din l-istima, li għandha tinkludi abbozz ta' pjan ta' stabbiliment, għandha tkun mgħoddija mill-Bord tat-Tmexxija lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu.
2. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-istima, filwaqt li tqis il-limiti proposti ta' l-ammont globali disponibbli għall-azzjonijiet esterni, u ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea r-riżorsi li tqis meħtieġa għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tas-sussidju li għandu jiġi addebitat lill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. L-istima għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (minn hawn 'il quddiem imsejħa flimkien "l-awtorità baġitarja") flimkien ma' l-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.
4. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju li jingħata lill-Fondazzjoni.

L-awtorità baġitarja għandha tadotta l-pjan ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni.
5. Il-baġit tal-Fondazzjoni għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija. Dan il-baġit għandu jsir definittiv wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Jekk ikun meħtieġ, il-baġit tal-Fondazzjoni għandu jiġi aġġustat skond il-hteġa.
6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, mill-aktar fis possibli, jinnotifika lill-awtorità baġitarja bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-finanzjament tal-baġit tal-Fondazzjoni, partikolarment kwalunkwe proġett relatat mal-proprjetà bħal kiri jew xiri ta' bini. Għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni.

Fejn fergħa ta' l-awtorità baġitarja nnotifikat l-intenzjoni tagħha li tagħti opinjoni, din għandha tgħaddi l-opinjoni tagħha lill-Bord tat-Tmexxija fi żmien sitt ġimgħat mid-data tan-notifika tal-proġett.

Artikolu 17

Implimentazzjoni u kontroll tal-baġit

1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Fondazzjoni għandu jikkomunika l-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni flimkien ma' rapport dwar l-amministrazzjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet provviżorji ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi deċentralizzati skond l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju.
2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji tal-Fondazzjoni lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' rapport dwar l-amministrazzjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport dwar l-amministrazzjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja għandhom jintbagħtu wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
3. Id-Direttur għandu jimplimenta l-baġit tal-Fondazzjoni.
4. Malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Fondazzjoni, skond l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju, id-Direttur għandu jħejji l-kontijiet finali tal-Fondazzjoni li jaqgħu taħt ir-responsibbiltà tiegħu u jgħaddihom lill-Bord tat-Tmexxija għall-opinjoni tiegħu.
5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Fondazzjoni.

6. Id-Direttur għandu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, jgħaddi dawn il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija.
7. Il-kontijiet finali għandhom jiġu pubblikati.
8. Id-Direttur għandu jibgħat lill-Qorti ta' l-Awdituri risposta għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru ta' wara kull sena finanzjarja. Għandu wkoll jibgħat dik ir-risposta lill-Bord tat-Tmexxija.
9. Id-Direttur għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew, fuq it-talba ta' dan ta' l-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja kkonċernata, kif stabbilit fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju.
10. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena N + 2, jaġti kwittanza lid-Direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.
11. Id-Direttur għandu jieħu l-passi adatti kollha li jkunu mitluba, mill-osservazzjonijiet li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza.

Artikolu 18

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

Mingħajr preġudizzju għall-kontrolli msemmija fl-Artikolu 17 u, partikolarment il-proċeduri baġitarji u ta' kwittanza, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jitolbu fi kwalunkwe waqt li ssir seduta mad-Direttur dwar kwalunkwe suġġett marbut ma' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni.

Artikolu 19

Regoli Finanzjarji

1. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Fondazzjoni għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawn ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament Finanzjarju Qafas sakemm dan ma jkunx rikjest speċifikament għall-operat tal-Fondazzjoni u mhux qabel jingħata l-kunsens mill-Kummissjoni.
2. Skond l-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju, il-Fondazzjoni għandha tapplika r-regoli tagħha tal-kontabbiltà adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni sabiex il-kontijiet tagħha jkunu jistgħu jiġu kkonsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni.
3. Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 għandu japplika għall-Fondazzjoni fl-intier tiegħu.
4. Il-Fondazzjoni għandha tirrispetta l-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)¹. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-miżuri neċessarji sabiex jgħin lill-OLAF iwettaq dawn l-investigazzjonijiet interni.

¹ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

Artikolu 20
Privileġġi u immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplikagħall-Fondazzjoni.

Artikolu 21
Ir-Regolamenti tal-Persunal

1. Il-persunal tal-Fondazzjoni għandu jkun regolat mir-regoli u r-regolamenti applikabbli għall-uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej.
2. Il-Fondazzjoni għandha teżerċita fuq il-persunal tagħha s-setgħat devoluti lill-Awtorità responsabbli mill-Ħatriet.
3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, bi ftehim mal-Kummissjoni, jadotta r-regoli adegwati ta' implimentazzjoni skond l-arranġamenti previsti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fl-Artikolu 127 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.
4. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jadotta dispożizzjonijiet oħra għall-impjieg ta' esperti nazzjonali minn Stati Membri jew pajjiżi msieħba billi jiġu sekondati mal-Fondazzjoni.

Artikolu 22
Responsabbiltà

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Fondazzjoni għandha tiġi regolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt imsemmi.
2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, il-Fondazzjoni għandha, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-Fondazzjoni jew mill-impjegati tagħha fil-qadi ta' dmirjiethom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandha jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet relatati ma' kumpens għal kwalunkwe dannu bħal dan.

3. Ir-responsabbiltà personali ta' l-impjegati lejn il-Fondazzjoni għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet rilevanti li japplikaw għall-persunal tal-Fondazzjoni.

Artikolu 23
Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi

1. Il-Fondazzjoni għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-Komunità u li jikkondividu l-impenn tal-Komunità u ta' l-Istati Membri għall-għoti ta' għajjnuna fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapital_uman fil-pajjiżi msieħba msemija fl-Artikolu 1(1), taħt arranġamenti li għandhom isiru bi ftehim bejnhom u l-Komunità, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 300 tat-Trattat.

Kull ftehim għandu, *inter alia*, jispeċifika n-natura, il-firxa u r-regoli dettaljat tal-parteeċipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fil-ħidma tal-Fondazzjoni inklużi dispożizzjonijiet dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u persunal. Dawn l-istrumenti ta' ftehim ma jistgħux jipprevedu li pajjiżi terzi jiġu rappreżentati fuq il-Bord tat-Tmexxija bi dritt għall-vot jew ikunu jinkludu dispożizzjonijiet mhux konformi mar-regolamenti tal-persunal imsemmija fl-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-parteeċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fi gruppi ta' ħidma *ad hoc* tista' tkun deċiża bħala meħtieġa mill-Bord tat-Tmexxija mingħajr il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 24

Evalwazzjoni

1. Skond l-Artikolu 25(4) tat-Regolament Finanzjarju, il-Fondazzjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet *ex ante* u *ex post* regolarment ta' l-attivitajiet tagħha fejn dawn jinneċessitaw nefqa sinifikanti. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiġi nnotifikat bir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet.
2. Il-Kummissjoni għandha twettaq kull erba' snin, f'konsultazzjoni mal-Bord tat-Tmexxija, evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ir-riżultati miksuba mill-Fondazzjoni u l-metodi operattivi tagħha fid-dawl ta' l-għanijiet, mandat u funzjonijiet definiti f'dan ir-Regolament. L-evalwazzjoni għandha titwettaq minn esperti esterni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-riżultati ta' l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew .

3. Il-Fondazzjoni għandha tiegħu l-passi adatti kollha sabiex tirrimedja kwalunkwe problema li tista' tirriżulta waqt il-proċess ta' l-evalwazzjoni.

Artikolu 25

Reviżjoni

Wara l-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, fejn ikun meħtieġ, proposta għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-eżistenza tal-Fondazzjoni ma għadhiex ġustifikata fir-rigward ta' l-għanijiet assenjati lilha, tista' ttipproponi li dan ir-Regolament jiġiħassar.

Artikolu 26

Tħassir

Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90, Nru 2063/94, Nru 1572/98, Nru 1648/2003 u l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2666/2000, elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, huma b'dan imħassra.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 27
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall- Kunsill
Il-President

ANNESS I

Ir-Regolament imħassar u l-emendi suċċessivi

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) No 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990

(ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2063/94 tas-27 ta' Lulju 1994

(ĠU L 216, 20.8.1994, p. 9)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1572/98 tas-17 ta' Lulju 1998

(ĠU L 206, 23.7.1998, p. 1)

L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000

(ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 1648/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003

(ĠU L 245, 7.12.2000, p. 22)

ANNEX II

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (KEE) Nru 1360/90	Dan ir-Regolament
Artikolu 1, l-ewwel paragrafu	Artikolu 1(1), il-kliem introduttiv
Artikolu 1, mill-ewwel sar-raba' inċiż	—
Artikolu 1, it-tieni sentenza	—
—	Artikolu 1(1) punti (a) sa (c)
—	Artikolu 1(1), it-tieni subparagrafu
	Artikolu 1(2) u (3)_
Artikolu 2	
Artikolu 3, l-ewwel paragrafu	Artikolu 2, l-ewwel paragrafu
Artikolu 3 punti (a) sa (g)	
—	Artikolu 2 punti (a) sa (f)
Artikolu 3 punt (h)	Artikolu 2 punt (g)
Artikolu 4(1)	Artikolu 3(1)

–	Artikolu 3(2)
Artikolu 4(3), l-ewwel sentenza	Artikolu 3(3) l-ewwel sentenza
–	Artikolu 3(3) it-tieni sentenza
Artikolu 4(2)	–
–	Artikolu 3(4) u (5)
	Artikolu 4(1) sa (3)
Artikolu 4a(1)	Artikolu 4(4) l-ewwel sub-paragrafu
Artikolu 4a(2)	Artikolu 4(4), it-tieni sub-paragrafu
–	Artikolu 5
Artikolu 4a(3)	Artikolu 6
Artikolu 5(1)	Artikolu 7(1)
Artikolu 5(2)	Artikolu 7(2), l-ewwel u t-tieni sub-paragrafi
–	Artikolu 7(2), it-tielet u r-raba' sub-paragrafi
Artikolu 5(3)	Artikolu 7(3)
Artikolu 5(4), l-ewwel sub-paragrafu	Artikolu 7(4) l-ewwel sentenza
–	Artikolu 7(4), it-tieni sentenza

Artikolu 5(4) it-tieni subparagrafu	Artikolu 7(5)
Artikolu 5(4), it-tielet u r-raba' sub-paragrafi	Artikolu 8(1), l-ewwel sub-paragrafu
–	Artikolu 8(1) it-tieni subparagrafu
Artikolu 5(4), l-aħħar sub-paragrafu	Artikolu 8(1), l-aħħar sub-paragrafu
Artikolu 5(5) u (6)	Artikolu 8(2) u (3)
Artikolu 5(7) sa (10)	–
-	Artikolu 9
Artikolu 6	–
Artikolu 7(1), l-ewwel sentenza	Artikolu 10(1) l-ewwel sentenza
Artikolu 7(1), tmiem ta' L-ewwel sentenza u tieni sentenza	–
–	Artikolu 10(1), it-tieni sentenza u t-tieni sar-raba' sub-paragrafi
Artikolu 7(2)	Artikolu 10(2)
Artikolu 7(3)	Artikolu 10(5) l-ewwel sentenza
–	Artikolu 10(3)
	Artikolu 10(4), il-punti a) sa k)

–	Artikolu 11
–	Artikolu 12
–	Artikolu 13
Artikolu 8	Artikolu 14
Artikolu 9	Artikolu 15
Artikolu 10(1)	Artikolu 16(1)
–	Artikolu 16(2)
Artikolu 10(2)	Artikolu 16(3)
Artikolu 10(3)	–
Artikolu 10(4) sa (6)	Artikolu 16(4) sa (6)
Artikolu 11(1)	Artikolu 17(3)
Artikolu 11(2) u (3)	Artikolu 17(1) u (2)
Artikolu 11(4) sa (10)	Artikolu 17(4) sa (10)
–	Artikolu 17(11)
–	Artikolu 18
Artikolu 12	Artikolu 19(1)
–	Artikolu 19(2) sa (4)
Artikolu 13	Artikolu 20

Artikolu 14	Artikolu 21(1)
–	Artikolu 21(2) sa (4)
Artikolu 15	Artikolu 22
Artikolu 16(1)	Artikolu 23(1) l-ewwel subparagrafu u l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu
–	Artikolu 23(1), l-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu
Artikolu 16(2)	Artikolu 23(2)
–	Artikolu 24(1)
Artikolu 17	Artikolu 24(2)
–	Artikolu 24(3)
Artikolu 18	–
–	Artikolu 25
–	Artikolu 26
Artikolu 19	Artikolu 27
-	Anness
